# IL-ĦAMES PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
# (Sede Superjuri)

**11 ta' Jannar, 1994**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D., President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Michael Bonnici u Joseph Azzopardi

## Konkors ta' Reati - Serq Aggravat bl-Omiċidju - Omiċidju - Inseparabilità Naturali u Ġuridika - Att ta' Akkuża - Stqarrijiet ta' l-Akkużat - "*Editing*"

*Att uniku jista' jagħti lok għall-ksur ta' aktar minn disposizzjoni waħda tal-liġi.*

*L-Avukat Ġenerali m'għandu ebda obbligu fil-liġi li jagħti akkużi f'kapi alternattivi minflok f'kapi separati jekk huwa jħoss li l-eżistenza taż-żewġ reati m'hijiex kontradittorja.*

*Id-dottrina u l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna fil-materja ta' reat uniku tindika illi fejn si tratta ta' "un solo e medesimo fatto", cjoè att wieħed li jkun jirriżulta mill-istess intenzjoni kriminuża, liema att jinvolvi aktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi, ikun hemm l-uniċità tar-reati, cjoè jkun hemm reat wieħed, dak maġġuri, salv*

*però illi trid tirriżulta neċessarjament dik li hija msejħa bħala l-inseparabilità naturali u ġuridika bejn iż-żewġ reati. F'dan il-kuntest mhux intiż biss il-fatt storiku jew naturali fid-diversi mumenti tiegħu imma l-fatt ġuridiku fil-kumpless tiegħu.*

*Mhux kull qtil volontarju jew offiża fuq il-persuna, jew sekwestru, li jsir qabel jew waqt jew minnufih wara s-serq bilfors jikkostitwixxi aggravju tas-serq.*

*Għalkemm l-Avukat Ġenerali, għal dak li huwa l-Att ta' l-Akkuża huwa marbut bil-parti akkużatorja tiegħu, m'huwiex marbut għal dik li hija preċiżjoni tal-fatti kif huwa jiddeskrivihom fid-diversi Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, fis-sens li jekk il-fatti jirriżultaw differenti, ma jfissirx li awtomatikament taqa' l-akkuża.*

*F'dan il-każ il-Qorti ordnat li mill-istqarrija jew stqarriji ta' koakkużat, kwantu jirrigwarda l-ġurati, għandha tinqata' kull referenza li tista' tkun ta' preġudizzju għall-koakkużat l-ieħor.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali ta' l-10 ta' Lulju, 1992 li minnha sar l-appell preżenti;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Joseph Azzopardi li permezz tiegħu talab li din in-qorti jogħġobha tbiddel u tirriforma s-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-10 ta' Lulju, 1992 minnu appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok jiġi osservat li l-appellant Azzopardi mhux qiegħed jappella mid-deċiżjoni kollha ta' l-ewwel Qorti, imma biss minnha in kwantu ċaħditlu l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-att ta' l-akkuża minħabba li kif intavolata huwa jista' jinstab ħati taħt iż-żewġ kapi u inkwantu ċaħditlu ukoll l-eċċezzjoni tiegħu rigwardanti l-istatement tal-koakkużat;

Din il-Qorti se tibda l-ewwel bl-eċċezzjoni rigwardanti l-validità o meno ta' l-att ta' l-akkuża;

L-appellant qiegħed jilmenta essenzjalment illi kif inhuwa intavolat l-att ta' l-akkuża, huwa jista' jinstab ħati taħt iż-żewġ kapi u jingħata piena kemm għal waħda u kemm għall-oħra. Dan ifisser li se jiġi misjub ħati ta' żewġ delitti naxxenti mill-istess fatti. L-appellant jissottemetti li dan mhux aċċettabbli u wieħed mill-kapi għandu jiġi rtirat. Inoltre huwa jissottometti wkoll illi huwa barra minn loku li d-delitt l-aktar gravi, cjoè dak ta' l-omiċidju volontarju, jiġi mqiegħed bħala t-tieni kap. Skond huwa, il-prattika kostanti hija li d-delitt priċipali jiġi mqiegħed fl-ewwel kap u dana għax jista' jingħata l-każ li dak sussidjarju jiġi kompriż u involut fl-ewwel. Però minħabba l-fatt li dawn il-kapi saru wieħed wara l-ieħor u indipendenti minn xulxin, allura sar kollox kontra l-loġika u kontra kif għandu jiġi pprezentat lill-akkużat id-delitti illi qiegħed jiġi akkużat bihom. L-appellant jissottometti illi *se mai*, l-Avukat Ġenerali kellu jirrikorri għas-sistema tal-kap alternattiv, dak li però ma sarx f'din il-kawża;

Ikkunsidrat:

Jiġi rrilevat fl-ewwel lok, li kwistjoni identika kienet

tqajmet, f'ċirkostanzi pressochè identiċi f'appell ieħor deċiż minn din il-Qorti fit-13 ta' Novembru, 1989 in re Ir-Repubbblika ta' Malta kontra John *sive* Ġanni Attard u Emanuel Agius li għaliha din il-Qorti tagħmel speċifika riferenza peress illi kienet daħlet fid-dettal dwar il-posizzjoni legali kif inhi u kif għandha tirregola l-kwistjoni li qed jissolleva l-appellant. Iċ-ċikorstanzi f'dak il-każ kienu identiċi fis-sens li l-ewwel kap kien jikkontjeni akkuża ta' serq aggravat *inter alia* bl-omiċidju volontarju u bis-sekwestru tal-persuna u fit-tieni kap kien hemm l-akkuża ta' omiċidju volontarju. Is-sottomissjonijiet li kienu saru f'dak il-każ kienu forsi aktar profondi milli saru f'dan il-każ fis-sens illi kienu ġew suġġeriti diversi spjegazzjonijiet kemm favur u kemm kontra l-att ta' l-akkuża f'dik il-kawża;

Is-soluzzjoni għal din il-kwistjoni verament tinsab fil-premessa illi taħt il-liġi tagħna, huwa rikonoxxut illi att uniku, cjoè *actus reus* wieħed jista' jagħti lok għall-ksur ta' aktar minn disposizzjoni waħda tal-liġi. Infatti, huwa prinċipju notorju fid-dritt penali tagħna, kif ukoll f'sistemi esteri oħra, illi l-istess att doluż jista' jikser diversi disposizzjonijiet tal-liġi u jikkostitwixxi aktar minn delitt wieħed;

Huwa prinċipju ieħor li din il-Qorti diġà kellha opportunità illi taffermah fis-sentenza tagħha tat-3 ta' April, 1990 in re Ir-Repubbblika ta' Malta kontra Joseph Schembri illi l-Avukat Ġenerali m'għandu ebda obbligu fil-liġi li jorbtu li jagħti akkużi alternattivi minflok f'kapi separati jekk huwa jħoss illi l-esistenza taż-żewġ reati m'hijiex kontradittorja;

Fis-sistema tagħna ukoll, jeżisti l-kunċett tar-reat uniku li ġie awtorevolment affermat fis-sentenzi ta' dawn il-Qrati in re **Rex vs Simler**, Appell Kriminali 11/3/1921, **Rex vs Anthony Farrugia**, Appell Kriminali 6/12/19, **Rex vs Anthony Micallef**,

Appell Kriminali 3/9/1935, **Rex vs DeGiorgio**, Appell Kriminali 29/1/1937, **Repubblika vs Emanuel Buttigieg**, Appell Kriminali 23/3/1979, **Repubblika vs Vincent Debono**, Qorti Kriminali 22/9/1982 u Appell Kriminali 25/1/1983 li fihom hemm ukoll rapportati rassenja ta' awturi u ta' ġurisprudenza lokali u estera in materja;

Din il-Qorti jidhrilha li m'għandhiex għalfejn tidħol fit-tul fuq dan ir-riljev peress illi essenzjalment id-dottrina u l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna f'din il-materja ta' reat uniku tindika illi, fejn *si tratta* ta' "*un solo e medisimo fatto*" cjoè, att wieħed li jkun jirriżulta mill-istess intenzjoni kriminuża, liema att jivvjola aktar minn disposizzjoni waħda tal-liġi, ikun hemm l-uniċità tar-reati, cjoè jkun hemm reat wieħed, dak maġġuri, salv però illi trid tirriżulta neċessarjament dik li hija msejha bħala l-inseparabilità naturali u ġuridika bejn iż-żewġ reati. Jiġi rrilevat ukoll illi f'dan il-kuntest "mhux intż biss il-fatt storiku jew naturali fid-diversi mumenti tiegħu imma l-fatt ġuridiku fil-kumpless tiegħu";

Issa ma hemmx dubbju li sabiex wieħed jikkommetti serq, ma huwiex neċessarju li huwa joqtol jew ineħħi l-ħajja ta' persuna oħra, kif ukoll lanqas hu neċessarju li l-akkużat jittenta li joqtol jew li jferi jew li jissekwestra lil dak li jkun. Isegwi neċessarjament illi wieħed awtomatikament ma jistax jitkellem f'każijiet fejn hemm serq akkompanjat ukoll minn omicidju jew anki *se mai* minn attentat ta' omiċidju fuq dik l-inseparabbilità naturali jew ġuridika rikjesta biex ikun hemm reat uniku, għaliex jekk mas-serq ikun sar ukoll wieħed jew aktar mir-reati l-oħra msemmija, dan *se mai* ikun dovut sempliċement għall-volontà jew id-determinazzjoni tas-suġġett attiv tar-reat. Mela ċertament hawn m'aħniex fil-kamp tal-konkors formali tar-reati;

Issa l-liġi fl-artikolu 262(1)(a) tikkontempla s-serq bħala

kkwalifikat bil-vjolenza konsistenti f'meta jsir flimkien ma', jew omiċidju, jew attentat ta' omiċidju, jew ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, u f'każ simili tingħata piena waħda stabbilita skond il-każ fl-artikoli 272, 273, 274 u 275 ta' l-istess Kodiċi;

F'każijiet bħal dawna, għalhekk, isegwi illi l-omiċidju, jew l-attentat ta' omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna, il-leġislatur qed jikkonsidrah bħala aggravanti tas-serq għax ikun intimament konness mas-serq. Kif din il-Qorti spjegat fis-sentenza tagħha ċċitata supra in re **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Attard u Agius**, din id-disposizzjoni il-legislatur tagħna issellifha mill-Kodiċi Naplitan u l-konnessjoni intima li teżisti bejn l-offiża fuq il-persuna u dik tas-serq hija kondizzjonata b'wieħed jew aktar mill-intenzjonijiet speċifiċi illi huma insiti fir-reat prinċipali li jkun proprju dak tas-serq. Infatti, jiġi osservat illi biex l-att kostitwenti l-vjolenza, l-aggravju tal-vjolenza, jista' jiġi kkonsidrat bħala li jikkwalifika r-reat tas-serq, huwa biżżejjed illi l-istess att ikun ġie kommess jew qabel jew fil-waqt immedjatament wara r-reat tas-serq u intiż dejjem sabiex jgħin il-konsumazzjoni tad-delitt, jew il-ħelsien tal-ħati mill-piena jew mill-arrest jew mill għagħa ta' l-offiż jew ta' oħrajn, jew sabiex il-ħati ma tħalliex tiġi lilu meħuda l-ħaġa misruqa, jew biex jivvendika ruħhu talli ma jkunux ħallewh jew fittxew li jħalluhx jisraq, jew talli jkunu ħadulu lura l-ħaġa misruqa, jew talli jkun ġie mikxuf bħala l-ħalliel - dana dejjem skond is-sub-inċiż (2) ta' l-artikolu 262 tal-Kodiċi Kriminali. F'każijiet bħal dawn, huwa ovvju li dak illi qiegħed jikkonċepixxi l-Kodiċi fl-artikolu 262 huwa li meta l-att vjolenti jkun ġie kommess fiċ-ċirkostanzi li għadhom kif issemmew, huwa jkun tant intimament konness mar-reat tas-serq illi għandu jiġi kkonsidrat bħala ħaġa waħda fis-sens illi l-istess att ikun jikkostitwixxi ċirkostanza aggravanti tar-reat tas-serq;

Dan ukoll iffisser li mhux kull qtil volontarju jew offiza fuq il-persuna, jew sekwestru, li jsir qabel jew waqt jew minnufih wara s-serq, bilfors jikkostitwixxi aggravju tas-serq. Dana għaliex jekk il-qtil ma jkunx sar biex (1) jgħin il-konsumazzjoni tas-serq, jew (2) jiffaċilita l-ħelsien tal-ħati mill-piena jew mill-arrest jew mill-għagħa ta' l-offiż jew ta' oħrajn, jew (3) biex il-ħati ma jħallix tiġi lura meħuda l-ħaġa misruqa, jew (4) biex jivvendika ruħhu talli ma jkunux ħallewh jew fittxew li ma jħalluhx jisraq, jew (5) talli jkun ħadulu lura l-ħaġa misruqa, jew (6) talli jkun ġie mikxuf bħala l-ħalliel, il-qtil ma jkunx jikkostitwixxi aggravanti tas-serq, imma jkun jammonta għal delitt separat u deduċibbli separatament u awtonomament mis-serq;

Ma' dan jista' jiżdied ukoll illi huwa paċifiku li għalkemm l-Avukat Ġenerali għal dak li huwa att ta' akkuża huwa marbut bil-parti akkużatorja tiegħu, m'huwiex marbut għal dik li hija preċiżjoni tal-fatti kif huwa jiddeskrivihom fid-diversi kapi ta' l-att ta' l-akkuża, fis-sens illi jekk il-fatti jirriżultaw differenti, ma jfissirx li awtomatikament taqa' l-akkuża. Jiġifieri l-Avukat Ġenerali għandu l-piż li jipprova l-akkuża iżda mhux neċessarjament li jipprova l-fatti preċiżament kif ikun elenkahom fl-att ta' l-akkuża. In breve biex din il-Qorti tispjega l-motivazzjoni tagħha għall-konklużżjoni li ser tasal għaliha, huwa fattibbli f'dan il-każ bħal f'każijiet oħra simili jew identiċi, illi l-ġurati jistgħu jaslu għall-konklużjoni illi bejn is-serq u bejn l-omiċidju ma kien hemm assolutament ebda konnessjoni intima kif tirrikjedi l-liġi billi, per eżempju, jaslu għall-konklużjoni illi ż-żewġ atti huma kompletament separati u bla konnessjoni ma' xulxin. Dan ifisser illi l-Avukat Ġenerali għandu kull dritt illi jagħti l-akkużi separati kif effettivament tahom il-għaliex jekk wieħed jistenna minnu li minflok jagħti t-tieni kap bħala alternattiv għall-ewwel wieħed, jista' jagħti l-każ fl-eventwalità

illi għadha kemm issemiet li awtomatikament jaqagħlu t-tieni kap ta' l-att ta' akkuża li tkun tikkomprendi akkuża ta' serq aggravat bl-omiċidju. Dana għaliex il-ġurati jkunu waslu għall-konklużjoni li l-omiċidju ma kienx neċessarjament jkkompanja jew jaggrava r-reat tas-serq u għaliex jiġi illi l-istess omiċidju volontarju jibqa' mhux punit;

Din il-Qorti tosserva però li l-Avukat Ġenerali stess, fit-tieni kap ta' l-akkuża, qiegħed jassoċja l-omiċidju mas-serq u dana bħala fatt, għalkemm ġuridikament qiegħed jagħtih eżistenza awtonoma. Din il-Qorti tagħti direzzjoni f'dan ir-rigward illi evidentement jekk il-ġurati jsibu lill-akkużat ħati tas-serq aggravat bil-vjolenza konsistenti f'omiċidju volontarju, huma għandhom jiġu diretti biex jiddikjaraw ukoll f'każ li l-omiċidju volontarju kien intimament konness mas-serq fis-sens indikat mill-artikolu 262(2) tal-Kap. 9, u dan biex issir ġustizzja peress illi l-liġi stess evidentement tidher illi trid bl-artikolu 262, illi ż-żewġ atti jiġu amalgamati flimkien u tingħata piena waħda tas-serq aggravat bil-vjolenza konsistenti bl-omiċidju volontarju;

L-appellant ukoll ilmenta illi skond hu, l-akkuża ta' omiċidju volontarju hija aktar serja minn dik ikkontenuta fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża u kellha tiġi qabel. Frankament din il-Qorti ma tarax l-utilità ta' din is-sottomissjoni anki l-għaliex jekk wieħed kellu jieħu bħala miżura l-piena bħala rifless tal-gravità ta' reat, m'hemm assolutament l-ebda differenza bejn il-piena kif *se mai* applikabbli jekk ikun hemm ħtija taħt l-ewwel kap u l-piena kif tkun applikabbli jekk ikun hemm ħtija taħt it-tieni kap u għalhekk ma jistax jingħad illi ż-żewġ reati huma ta' gravità differenti;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti issa ser tgħaddi biex tikkonsidra t-tieni aggravju ta' l-appellant;

Dan l-aggravju kif ingħad, jirrigwarda l-"*istatement*" tal-koakkużat. L-appellant jissottometti li ma huwiex biżżejjed li wieħed jistrieħ fuq li huwa se jingħata smigħ ġust fil-każ tiegħu fuq din il-materja delikata b'sempliċi spjegazzjoni mill-Imħallef presjedenti fil-Qorti ta' prim'istanza fl-indirizz tiegħu lill-ġurati. Huwa ferm diffiċli li jirnexxi illi persuna illi m'għandha ebda forma ta' taħriġ mentali legali, li tagħmel id-distinzjoni fuq fatt li ser tiġi mitluba tagħmel. Altru tispjega kunċett u altru tifhmu. L-appellant jissottometti illi r-rimedju li hemm għad-disposizzjoni tiegħu, cjoè dak li ġie propost mill-ewwel Qorti, u cjoè illi ssir spjegazzjoni lill-ġurati għal dak li għandhom jiskartaw mill-"*istatement*" tal-koakkużat, ma hi ta' ebda prattiċità peress li hu diffiċli li l-istess ġurati jagħmlu din id-ditinzjoni. L-appellant jissottometti illi huwa m'għandux jitpoġġa fis-sitwazzjoni li għandu jbati għaliex hemm koakkużat miegħu. Ir-rimedju jinsab f'idejn l-Avukat Ġenerali li jekk irid jista' jifred lill-imputati cjoè jirrikorri għas-separazzjoni tal-ġudizzju. Dan ma jistax jitolbu l-appellant u dan ifisser li l-ġuri se jkun affaċċjat bil-kweżit ta' min miż-żewġ koakkużati ikkommetta d-delitt u mhux jekk kull wieħed minnhom hux ħati jew le. Dan il-kondizzjonament mentali la darba jista' jseħħ, jirrikjedi rimedju;

Din il-Qorti hija ċertament konxja tal-problema li dak li jkun qal koakkużat wieħed fir-rigward tal-koakkużat l-ieħor jista' jkollu konsegwenzi mhux mixtieqa u huwa proprju għalhekk illi l-liġi tagħna stess fl-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali tistabbilixxi illi konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra. Huwa ovvju anke mill-kliem ta' l-istess liġi illi ma jistax jiġi argumentat illi minħabba li konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief għal min

jagħmilha u m'hijiex ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra, allura m'hijiex ammissibbli bħala prova fi proċess fejn ikun hemm aktar minn akkużat wieħed. Ir-raġuni hija l-għaliex tali konfessjoni jista' jkollha l-importanza tagħha, anke fejn issemmi lil terzi, kwantu jirrigwarda l-akkużat illi jkun għamilha u għalhekk ċertament prima facie ma jistax jingħad li jista' jinġieb 'il quddiem l-argument illi minħabba dak li jingħad fl-artikolu 661 allura tali konfessjoni ma tkunx ammissibbli. Altru kwistjoni ta' ammissibilità li fuqha kif ingħad ma jistax ikun hemm dubbju u altru dak li qed jiġi sottomess li fuqu hemm ferm aktar x'jingħad. Infatti, l-portata ta' dak li trid il-liġi fl-artikolu 661 ċertament tmur oltre din is-sempliċi premessa għaliex magħha hemm marbut prinċipju importantissimu fil-proċess penali u cjoè li koakkużat m'għandux jiġi ppreġudikat b'dak li jkun qal dwaru koakkużat ieħor;

Din il-Qorti diġà kellha okkażżjoni tidħol f'din il-kwistjoni, peress illi tali eċċezzjoni diġà ġiet preċedentement issollevata f'numru ta' kawżi u essenzjalment dejjem ġiet deċiża l-istess. Sejra ssir riferenza biss għal żewġ sentenzi li normalment jiġu ċċitati f'din il-kwistjoni u cjoè l-ewwel waħda dik ta' l-10 ta' Ottubru, 1979 in re **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Alfred Zammit** u oħrajn u t-tieni waħda dik tas-17 ta' Ġunju, 1987 in re **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Żarena Calleja u Baskal Debono**. Il-posiżżjoni legali kif s'issa dejjem ġiet affermata hija illi tali "statements jew konfessjonijiet, salv kwalunkwe attakk li jista' talvolta jsir kontra tagħhom da parti tad-difiża fl-istadju unterjuri, huma dokumenti li indubbjament rilevanti u regolarment ezebiti u bħala tali, il-ġurati għandhom id-dritt kollu li jżommuhom quddiem għajnejhom. Ġie deċiż ukoll illi l-problema involut f'din is-sottomissjoni li qiegħed jagħmel l-appellant u cjoè tal-preġudizzju li jista' jsofri, illi l-fatt tal-

produzzjoni (kompriż il-qari u l-għoti lill-ġurati) ta' l-istqarrija jew konfessjoni ta' wieħed mill-koakkużati u li tkun tinvolvi koakkużat ieħor li ma jkunx dak li għamel l-istess stqarrijja, ma tippekkax kontra d-dispost ta' l-imsemmi artikolu tal-Kodiċi Kriminali, purchè l-Qorti Kriminali fl-indirizz tagħha lill-ġurati u talvolta anke qabel, tenunzja ċar il-prinċipju inkorporat fl-imsemmija disposizzjoni - cjoè l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali - u cjoè li konfessjoni ta' akkużat ma tippreġudikax lill-ieħor. Jekk dan isir kif imiss, il-ġurati, avolja normalment presjonabbli bħal bnedmin l-oħra tad-dinja, wieħed m'għandux jassumi li se jwarrbu l-istess direzzjoni, anzi kif poġġietha din il-Qorti fl-ewwel waħda miż-żewġ sentenzi appena ċċitati, wieħed jistenna li l-istess ġurati "iwarrbu kull eventwali ombra profana ta' impressjoni ħażina bid-dawl purifikatur tal-liġi spejgata tajjeb";

Din il-Qorti kif ingħad, tara illi s-sitwazzjoni kif evoluta bis-sentenzi ta' dawn il-Qrati mibnija kif inhi fuq l-apettattiva tal-buon sens u tal-maturità tal-ġurati m'hijiex waħda pjaċevoli u mhix waħda perfetta, u bejn li tħalliha kif inhi u tbiddilha b'mod li filwaqt li tassikura li mill- "istatement" ma jinqata' xejn li jista' jinvolvi lil min jagħmlu iżda li fl-istess ħin tassikura ukoll li l-prinċipju sanċit fl-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali jiġi verament tutelat tagħżel din l-aħħar triq. Jista' verament jagħti l-każ li b'direzzjoni tajba da parti ta' l-Imħallef li jippresiedi l-ġuri u dato li l-ġurati huma pronti jwarrbu dak li jkunu semgħu, l-iskop tal-liġi jintlaħaq l-istess; però ċertament huwa aktar konduċenti biex jiġi assikurat li l-iskop tal-liġi verament jintlaħaq u ma jkunx hemm dubbju li l-ġurati setgħu ġew influwenzati indebitament minn dak li jkun qal il-koakkużat, jekk fi kwalunkwe stqarrija ta' koakkużat titħalla barra kull riferenza li tista' tkun preġudizzjevoli għall-koakkużat/i l-ieħor/oħrajn. Din il-Qorti bejn li tistrieħ fuq il-buon sens tal-ġurati li wara li jkunu semgħu

koakkużat jinvolvi koakkużat ieħor iwarrbu dak li jkunu semgħu u li l-istess ġurati ma jiġux esposti sa mill-bidu nett għal dak l-involviment tħossha ċerta li din l-aħħar alternattiva hija aktar salutari u tirrispetta aktar il-vot tal-liġi;

Din il-Qorti għalhekk sejra tiddeċidi billi tordna illi mill-istqarrija/i tal-koakkużat Bonnici kwantu jirrigwarda l-ġurati għandha tinqata' kull riferenza li tista' tkun ta' preġudizzju għall-koakkużat appellant Joseph Azzopardi. Kif dan għandu jsir qed jitħalla f'idejn l-ewwel Onorabbli Qorti li f'dan l-eżerċizzju għandha tassikura li dan isir bl-inqas preġudizzju għall-integrità ta' l-istqarrija u fl-istess ħin jiġi epurat dak kollu li jkun preġudizzjevoli għall-koakkużat Azzopardi;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tilqa' l-istess in kwantu ntalab li mill-istqarrija tal-koakkużat Bonnici tinqata' kull riferenza li jista' jkun hemm u li tista' tippreġudika lill-appellant u f'dan is-sens u f'dan ir-rigward biss tirrevoka s-sentenza appellata iżda tiċħad il-kumplament ta' l-appell u konsegwentement tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata. Fl-aħħarnett tordna li l-atti jiġu mibgħuta lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.